**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Neil Harrison**
**V**

**CHRISTOPHER SHOUSHANI**

**Illum, ta' , 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER SHOUSHANI** ta’ tlieta w ghoxrin sena, bin Mohammed El Shoushani u Bartolomea nee Agius, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1975 u joqghod numru 4, ‘Plymouth Flats’, Triq Testaferrata, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 434783M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-tmienja ta' Frar, 1999 u f’dawn l-ahhar gimghat qabel din d-data;

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini

Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-Raba w s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil akkuzat jew huma proprjeta tieghu kif wkoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lil akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Marzu, 1999 esibit a fol 8 tal-atti odjerni sabiex l-imputat jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet lil imputat jwiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi addebitati lilu kif jirrizulta mill-ezami li sar tal-imputat ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 nhar t-tnax ta'April, 1999.

Rat il-kontr'ordni mahrug mill-Avukat Generali nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Frar, 2001 esibit a fol 544 tal-atti processwali odjerni.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll dawk tad-Difiza.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tletin ta' Lulju, 2001.

Rat wkoll n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Difensur tat-tletin ta' Awissu, 2001 w r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tmintax ta' Settembru, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li fil-bidu tas-sena 1999 kienet irceviet informazzjoni li l-imputat x'aktarx kien qed jbiegh d-droga u probabbilment mill-fond 66A, Triq Dingli, Sliema.  Ghalhekk nhar t-tmienja ta' Frar, 1999 l-imputat gie mwaqqaf w arrestat mill-Pulizija waqt li kien qed jaghmel uzu mill-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni AAC 659 waqt li kien pparkjat kantuniera

boghod mill-fond fuq citat. Il-Pulizija ghamlet *search* fuq il-persuna tieghu u elevat minn fuqu *mobile phone* u mazz cwievet. Il-Pulizija staqsietu minn fejn kien gej, l-imputat beda jithawwad u meta l-Pulizija akkumpanjatu sal-bieb komuni tal-flats in kwistjoni u cioe 66, Triq Dingli, Sliema, l-imputat qal li ma kellux cwievet. Il-Pulizija qabdet cavetta minn tal-mazz cwievet li kellu l-imputat fuqu u fethet il-bieb principali. Dak il-mument l-imputat qalilhom li kien gej minghand il-hajjat certu Tony. Il-Pulizija ghalhekk habtet l-bieb ta' dan Tony Camilleri u fil-presenza ta' shabu Mark Felice u Paul Crystal Meadows dan Tony Camilleri cahad li kien ra lil imputat. Il-hajjat Tony Camilleri indika lil Pulizija li l-imputat kien jaghmel uzu minn kamra fuq il-bejt. Il-Pulziija ghal darb'ohra daret fuq l-imputat u staqsietu jekk kienx minnu li kien jaghmel uzu minn din il-kamra u jekk kellux cavetta u l-imputat wiegeb li ma kellu x'jaqsam xejn ma din il-kamra.

Il-Pulizija regghet qabdet cavetta ohra minn dan il-mazz u qabblitha mal-*lock* tal-kamra tal-bejt u fethet l-kamra fil-presenza tal-imputat. F'nofs din il-kamra fuq il-mejda kien hemm basket biz-zipp u dan kien jissakkar b'katnazz. Wahda mic-cwievet li kien hemm fil-mazz qablet ma dan il-katnazz u meta ghalhekk infetah il-basket il-Pulizija sabet mizien elettroniku u *money box* tal-hadid li wkoll

infetah permezz ta' cavetta ohra li kien hemm fil-istess mazz li gie elevat minn fuq l-imputat. F'din il-kaxxa il-Pulizija sabet erbgha bicciet allegatament razi tal-Cannabis, xi qratas mimlija b'sustanza allegatament kokaina u xi karti ohra vojta li meta jinghalqu jigu forma ta' qartas. B'kollox waqt din l-operazzjoni il-Pulizija sabet sittax il-qartas bis-sustanza allegatament kokaina u erbatax il-bicca allegatament tar-raza Cannabis u borza li qisha kellha tracci ta' trab abjad suspettat kokaina.

Saret tfittxija ohra fil-kamra w instabet *money box* ohra mohbija taht gradenzina b'diversi boroz tal-plastic zghar kif wkoll diversi karti maqtughin kwadri forma ta' qratas. Instab wkoll flixkun tal-hgieg li kellu allegatament bikarbonat ta' soda kif wkoll imqass.

Fuq il-persuna tal-imputat waqt *strip search*, mohbija fil-qalziet ta' taht, instab qartas suspettat li kien bil-kokaina u xi qratas vojta.

L-ghada, il-mobile cellulari li kien gie elevat minn fuq il-persuna tal-imputat, gie attivat u l-Pulizija bdiet tirrispondi t-telefonati li kienu qed jidhlu. F'xi hin cemplet persuna li identifikat ruhha bhala Mario u l-Pulizija PS 1052 ghamel appuntament mieghu hdejn l-Ghassa tal-Imsida ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar.

PS 1052 mar fuq il-post l-Imsida u sab li din il-persuna kienet certu Mario Clinch mat-tfalja tieghu Laurelle Cilia La Corte. Meta l-Pulizija tkellem ma Mario Clinch dan stqarr li huwa kien cempel lil imputat sabiex jiltaqghu u jixtri il-kokaina.

Fuq din is-sejba fil-kamra numru 66A, fuq indikata, infethet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dottor Noel Cuschieri u fost diversi nies nnominat lil Mario Mifsud sabiex jaghmel analizi tas-sustanza misjuba u lil PS 673 Joseph Mallia bhala espert tal-marki tas-swaba.

Nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April, 1999 l-Ispizjar Mario Mifsud ippresenta fil-presenza tal-imputat, r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MM u li tinsab esibita a fol 43 et seq tal-atti processwali odjerni. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li nstabet s-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) li hija mill-pjanta Cannabis fl-ammont ta' 100.3g, tracci ta' sustanza kokaina f'ammont nett totali ta' 11.572 grammi. Illi dawn iz-zewg sustanzi u cioe THC u l-kokaina huma sustanzi kkontrollati bil-ligi, it-THC taht Taqsima III sezzjoni 8(a) sa (e) tal-Kap 101, u s-sustanza kokaina hi kontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kap 101.

Nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 1999 deher PC 637 Joseph Mallia li ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JM u li tinsab esibita a fol 124 tal-atti u fiha jirrizultaw diversi fingerprints.

B'digriet ta' din l-Qorti tal-wiehed u tletin ta' Mejju, 2000 il-Qorti kienet nnominat lil Joseph Bongailas bhala espert tal-impronti digitali sabiex jiehu l-impronti tal-imputat seduta stante u jaghmel komparazzjoni bejn l-impronti digitali esibiti fl-atti a fol 124 et seq u dawk tal-imputat. Jirrizulta mill-konkluzzjoni msemmija ta' dan l-espert a fol 486 et seq li hafna mill-impronti li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt jaqblu mas-swaba tal-imputat.

Il-Pulizija ressqet lil Mark Clinch l-Qorti bhala xhud taghha nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April, 1999 fejn fid-deposizzjoni tieghu kkonferma li huwa kien mar l-Imsida biex jixtri d-droga kokaina minghand l-imputat kif kien ghamel f'diversi okkazzjonijiet precedenti.

Xehdu wkoll diversi Pulizija fosthom **WPC 146 Joanna Vella, PS 1052 Paul Scerri, PC 10 Trevor Cassar Mallia, l-Ispettur Neil Harrison, PC 138 Joseph Portelli, PC 1057 Mario Cuschieri u PC**

**579 Antoine Micallef** li lkoll kkonfermaw li l-kamra infethet b'wahda mic-cwievet li l-imputat kellu fuq il-persuna tieghu.

Xehdu wkoll **Tristan Meadows, Mark Felice u Anthony Camilleri** li lkoll kkonfermaw li dakinhar li l-Pulizija marru fid-dar ta' Anthony Camilleri fil-fond 66, Triq Dingli, Sliema, huma ma kienux raw lil imputat qabel dak il-jum.

L-imputat ghazel li ma jixhidtx kif kellu kull dritt li jaghmel pero fil-wiehed u ghoxrin ta' April, 1999 l-Ispettur Neil Harrison ppresenta l-istqarrija li l-imputat kien rrilaxxja nhar l-ghaxra ta' Frar, 1999 ftit wara li gie arrestat li giet mmarkata bhala dokument NH 2 u li tinsab esibit fl-atti odjerni a fol 22. L-imputat ghogbu jirrispondi ghal uhud mid-domandi li gew imposti lilu, pero dawk in konnessjoni mal-incident meta gie arrestat ma gewx risposti minnu fil-parti l-kbira taghhom, ghalkemm stqarr u kkonferma li l-kamra fejn instabet d-droga kienet fil-pussess tieghu peress li kien kriha minghand Anthony Camilleri. L-imputat ma tantx ikkollobora mal-Pulizija.

L-Avukat Difensur sostna li fil-fehma tieghu l-imputat m'ghandhux jinstab hati tal-ewwel akkuza ta' traffikar peress li l-imputat ma tax droga lil Mario Clinch u ghalhekk semmai jista jkun

hemm l-akkuza distinta u separata ta' attentat ta' traffikar kif kontemplata fl-artikolu 22(1e)(2)(A)(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa reat distint u separat u m'ghandhux jigi inferit. Dan qed jsostnih ghaliex fil-fehma tieghu r-reat ma giex kkunsmat peress li gie mwaqqaf fil-mument meta kien allegatament ser jbiegh d-droga.

Dwar l-akkuza ta' pussess ta' droga l-Avukat Difensur irrmetta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti u qal li semmai d-droga li nstabet fil-kamra kienet ghal uzu personali tal-imputat u ma kienetx intiza ghal uzu ta' terzi.

L-Ufficjal Prosekutur ma qabilx ma din il-linja difensjonali ghaliex fil-fehma tieghu anke jekk l-imputat ftihem biex jbiegh l-akkuza ta' traffikar tissusisti.

L-ammont ta' droga misjuba jindika li ma kienetx ghal uzu personali tieghu u in oltre jekk l-imputat huwa *user* ma jfissirx li l-Qorti ghandha tkun hanina mieghu specjalment meta tqis il-hsara li tali droga qed taghmel lis-socjeta maltija b'mod partikolari liz-zaghzagh.

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik ta' traffikar il-Prosekuzzjoni ma taqbilx ma dak sottomess mill-Avukat Difensur u cioe li hemm r-reat ta' tentattiv ta' spacc ta' droga. Fil-fatt fin-nota tieghu huwa jispjiega d-definizzjoni tar-reat ta' traffikar u jsostni anke s-semplici ftehim li jbiegh tammonta ghal akkuzi ta' traffikar.

Il-Qorti tirrileva li preliminarjament l-imputat huwa akkuzat talli forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina.

Issa l-Qorti ezaminat l-artikolu 22(1B) rigward t-tifsira tal-kelma "*jittraffika*" u jirrizulta li din t-tifsira ghandha definizzjoni kbira u wiesgha fis-sens li tinkludi "*l-kultivazzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, d-<u>distribuzzjoni</u>, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provista li wiehed joffri li jaghmel wiehed minn dawn l-patti, u l-ghoti t'informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina.*"

Issa ghalhekk mis-suespost jirrizulta li l-imputat kellu l-provista tad-droga u offra li jiddistribwixxi lil terzi kif fil-fatt stqarr Mario Clinch meta qal li kien jixtri d-droga kokaina minghand l-imputat. Mhux talli hekk, izda l-Pulizija marret oltre w arrestatu fic-cirkostanzi

meta huwa haseb li kien ser jakkwista d-droga minghand l-imputat. Fil-fatt fl-ebda hin ma l-imputat cahad dak li qal Mario Clinch fuqu.

**Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-ewwel akkuzat tirrizulta ppruvata.**

Dwar t-tieni akkuza u cioe li l-imputat kellu d-droga kokaina mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, jirrizulta mill-provi, li nstabet kwantita ta' droga fil-kamra, li kif qal l-imputat stess kienet mikrija lilu u diversi oggetti relatati mal-ispacc ta' droga fosthom diversi qratas u mizien elettroniku.  Fl-ebda hin ma l-imputat jghid li dawn l-oggetti kienu tieghu ghalkemm fil-bidu tal-investigazzjoni stqarr li ma kellux access ghal din il-kamra meta fil-fatt rrizulta li kellu, kif wkoll ghal *lock* tal-basket li nstab fuq il-mejda u ghal *lock* tal-*money box*.

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat huwa *user* tad-droga pero dan ma jfissirx li ma kienx jittraffika fiha.  Illi l-oggetti li nstabu fil-kamra mikrija lil imputat huma indikattivi li d-droga ma kienetx ghal uzu personali tieghu, izda kienu mezz sabiex jwassluh biex jikkommetti r-reat ta' traffikar.

**Illi ghalhekk l-Qorti tiddikajra li ssibu hati ta' din t-tieni akkuza wkoll stante li tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha.**

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik ta' pussess ta' raza tal-Cannabis jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud li mill-analizi li ghamel fuq l-oggetti li gew elevati fil-presenza tal-imputat nnifsu, kien hemm wkoll 100.3grammi THC li hija sustanza li tigi mill-pjanta Cannabis. Illi din instabet fid-dokument 99AHU 205/1/f, 205/1/g/1 sa 205/1/g/3, liema dokumenti jinsabu deskritti minn dan l-espert a fol 3 tar-relazzjoni tieghu a fol 46 tal-atti. Ghalhekk ma hemmx dubbju li din t-tielet akkuza tirrizulta ppruvata wkoll b'mod sodisfacenti.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni li tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil akkuzat jew proprjeta tieghu, il-Qorti kienet b'digriet taghha tas-sebgha w ghoxrin ta' April, 1999 innominat lil Dottor Vincent Galea sabiex jigbor l-informazzjoni neccessarja ma din t-talba.

Illi nhar l-hmistax ta' Ottubru, 1999 deher **Dottor Vincent Galea** li ppresenta u halef r-relazzjoni li tinsab esibita a fol 230 tal-atti odjerni markata bhala dokument VG. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ghandu diversi flejjes f'ammonti zghar depositati f'ismu fis-segwenti kontijiet u cioe fil-fergha ta' l-Bank of Valletta ta' San Gwann, savings account number 167-1241001-1, fl-ammont ta' mija tnejn u ghoxrin lira maltin u tlieta w ghoxriin centezmu, fil-fergha tal-Bank of Valletta, Preluna Towers, account current number 148- 1204601-5, fl-ammont ta' lira u wiehed u sittin centezmu u kont iehor tat-tip savings fil-fergha ta' Preluna Towers li jgib in-numru 148--1204602 fl-ammont ta' mija tlieta w erbghin lira maltin u sittin centezmu. **Illi dawn il-flejjes huma depositati f'isem l-imputat u ghalhekk ai termini tal-artikolu 22A(1) tal-Kap 101 qed tordna li jigu sekwestrati favur il-Gvern ta' Malta**.

**In oltre tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti fl-inkjesta b'mod materjali u tordna d-distruzzjoni tad-droga esibita f'din l-inkjesta ghall-liema inkarigu tinnomina lil Ispizjar Mario Mifsud li ghandu jirtira l-imsemmija droga minn dawn l-atti u jiddistruggiha.**

**In oltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, tordna li l-imputat jhallas s-somma ta' erbgha mija disgha w tmenin lira maltin u tlett centezmi lir-Registratur tal-Qorti fi zmien xahrejn minn meta jigi hekk interpellat li jaghmel mill-istess Registratur tal-Qorti, liema somma tirrappresenta d-drittijiet u hlasijiet moghtija lil espert Joseph Bongailas [ li gie nominat tul dawn il-proceduri ] mir-Registratur tal-Qorti.**

**Il-Qorti qed tichad ir-rimanenti parti tat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-imputat jhallas l-ispejjes l-ohra tal-esperti peress li dawn gew inkorsi fl-injesta u mhux fil-kumpilazzjoni u ghalhekk in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia, dawn l-ispejjes ma jigux addebitati lil imputat.**

Dwar il-piena, il-Qorti semghet lil Karm Borg u lil Joseph Gatt jixhdu ghan-nom tal-Caritas fejn qalu li l-imputat kellu problema serja ta' tehid ta' droga u li kemm ilu f'dan ic-Centru ta' San Blas ghal dissintossifikazzjoni kien ghamel progress kbir.

Il-Qorti pero ma tqisx li dan il-fattur wahdu ghandu jgheleb l-importanza li l-Qorti ghandha taghti lil dawn it-tipi ta' reati tant serji u gravi. L-imputat m'ghandux jibbenefika minn xi riduzzjoni ta' piena minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 29 tal-Kap 101. Jirrizulta li l-imputat lanqas ma kkorrobora mal-Pulizija fl-investigazzjoni u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi jew hanina mieghu meta tigi biex tapplika l-piena. Dan ma kienx kaz li l-imputat kien jbiegh d-droga sabiex jsostni l-vizzju mishut tat-tehid ta' droga li allegatament l-imputat kellu izda kien biss sabiex jisfrutta lil terzi bil-possibilita li jarrikkixxi ruhu minnha li bis-sahha tal-Pulizija Ezekuttiva ma rnexxilhux jkompli jaghmel .

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat CHRISTOPHER SHOUSHANI ghal piena karcerarja ta' tlett snin u tordna li z-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv jitnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija inflitta fuqu llum.**

**Oltre dan il-Qorti tiddikjara li qed tikkundanna lil istess imputat CHRISTOPHER SHOUSHANI ghal hlas ta' multa ta' elf lira maltin liema multa tigi konvertita fi prigunerija una volta din ma tithallasx.**

**Il-Qorti taghmel r-rakkommandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex dan jghin lil imputat jzomm l' boghod mill-vizzju mishut tad-droga u possibilment jibghatu jsegwi programm ta' disintossifikazzjoni meta jasal iz-zmien adegwat.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**